# L-AĦĦAR KELMA

*Ta'* P. P. SAYDON

JISTAGĦGBU l-qarrejja ta' *Il-Malti* jergħu jaqraw, wara ħafna snin, il-kitba tiegħi, li qisha ħiereġ mill-ħemda tal-qabar. U jintefa għal kollox ma jdumx. Imma qabel ma jintefa għal kollox irrid ingħid l-aħħar kelma lill-qarrejja tal-lum u ta' għada, lill-ħbieb tal-lum u tal-bieraħ, lil dawk kollha li għadhom ma nsewx ismi u nistqarrilhom b'qalbi f'idejja x-xogħol u l-ħidma tiegħi fl-ingħoddi, it-taħbit u t-tfixkil, taqtiq il-qalb u qtigħ il-jies li fl-aħħar qatagħni u firidni minn kollox u minn kulħadd u tefagħni f'sikta li xejn ħlief il-ħsieb tat-tmiem riesaq ma seta' jikser. Għax bħalissa jien inħossni mifrud minn kollox; ħadd ma għadu jaqra jew jisma' kelmti; ismi qatt ma jidher fl-ebda kumitat; fil-laqgħat ma jarani ħadd; fil-ħajja soċjali u intellettwali mejjet u minsi. Il-għala? Xi ħadd jaħseb li din hi l-bruda ta' qabel il-kesħa ta' dejjem; it-telqa u l-għeja tal-ħajja; in-nuqqas ta' ħeġġa li jġibu magħhom is-snin. Xejn minn dan kollu. Il-ħeġġa tax-xogħol inħossha tikber dejjem mas-snin u l-għeja qatt ma għalbitni. X'hemm mela fil-ħajja tiegħi li qiegħed jaħbi lili u l-ħidma tiegħi minn għajnejn il-kotra? Hawn hi t-tweġiba.

Il-ħajja tiegħi kienet ġlieda, ġlieda twila u siekta u, l-agħar, ġlieda mitlufa; kienet ġlieda ta' ideal għoli u safi ma' ideali maħsusa u msewsa, miksijin xi drabi bi tlellix imdieheb li jgħammex il-għajnejn tal-kotra. Kull fejn meddejt riġlejja, ma sibtx ħlief xewk u għolliq; kull fejn ħarist ma rajtx ħlief dlam; f'kull ma qbadt nagħmel ma kellix ħlief tfixkil. F'kollox u kullimkien xewk, dlam u tfixkil. Meta t-tama tar-rebħa kienet għadha ma daħketx bija, ridt, bil-qawwa ta' l-ideal għoli u safi, inwaqqa' l-ħajt li kien jagħlaqli triqti, imma daqskemm kien għoli u oħxon kien sa jordomni taħtu. Qtajt jiesi u tlaqt il-ġlieda; u issa hawn jien, maqtugħ minn kulħadd, magħluq ġo fija nnifsi, mejjet ħaj, mejjet għall-art li fixklet u mewtet l-ideal tiegħi u ħaj biss f'artijiet barranin fejn igħixu u jirbħu l-ideali kbar u għoljin.

Fid-dinja ta' madwari ma rajtx u ma narax ħlief tfixkil, taħwid u tagħwiġ. Donnu l-bniedem tilef triqtu għal kollox u miexi bħal agħma jixxengel, isallab u jgħawweġ bla ma jaf fejn hu sejjer. L-ideal tal-ħajja ntefa jew inħeba mid-dħaħen ta' dinja materjali, u l-bniedem, flok ma jerfa' għajnejh lejn il-għoljiet im-

dawla ta' ideali kbar qiegħed jitkaxkar ma' l-art bħal ħanex u, flok ma jwettaq ruħu bil-manna li taqa' mill-għoli, jimla żaqqu, bħas-serp il-misħut, bit-trab maħmuġ ta' l-art. Id-dawl ta' l-ideali ntefa, u fuq id-dinja nfirxet id-dalma tar-regħba u l-kburija, li aktar jagħmlu ħsara aktar ma huma mlibbsin bil-libsa tar-rġulija, tat-tjieba, ta' l-imħabba, tas-sewwa.

Mhux biħsiebi nsemmi l-ħsara kollha li ġiebet fuq Malta t-telfa ta' ideali għolja. Hsara waħda biss irrid insemmi, li tolqotni fil-laħam il-ħaj, it-tfixkil li jien sibt fil-ħajja tiegħi tat-tagħlim, it-taħbit li tħabatt, ix-xogħol li ħdimt u x-xogħol li ma stajtx naħdem, il-ġlied li ġġelidt u t-telf li tlift. Mhux ftaħir dan, għax il-ftaħir fir-rebħ, u rebħ jien ma kellix. Imma għandu mnejn kliemi jiswa biex ikebbes f'qalb iż-żgħażagħ in-nar ta' l-ideali għolja li jaħraq, jeqred u jxejjen l-ideali siefla ta' nies mikluba għall-flus u jxerred fuq Malta d-dawl safi ta' l-ideal tat-tagħlim għoli u jerfa' u jgħolli 'l Malta fejn laħqu popli oħra u fejn 'aħna, nemel li nagħmluha ta' iġmla, qatt ma lħaqna.

Biex niftiehmu sewwa, irrid qabel xejn infisser x'nifhem b'tagħlim għoli, x'kien il-ħsieb tiegħi u l-għala ma seħħx.

It-triq tat-tagħlim hi triq twila, twila, li ma' tulha hemm ħafna bliet kbar u sbieħ, imma li t-tarf tagħha ma jiltaħaq qatt. L-ewwel belt li nilħqu hi l-belt li jisimha Kultura Generali. X'inhi Kultura ġenerali? Hi l-pedament ta' kull tagħlim għoli; hi libsa li tiksi l-għera ta' bniedem li ma jaf xejn; hi l-ewwel tagħlim li jiftaħ il-bieb għal tagħlim ogħla; fi ftit kliem, hi tagħlim ta' ilsna, storja, ġeografija, xjenza. Kemm għandna ndumu fil-belt tal-Kultura ġenerali ma nistgħux ingħidu; jista' wieħed idum ħajtu kollha jew biċċa kbira minnha, imma ftit żmien għal-linqas irid joqgħod. Fuq kollox wieħed għandu jiftakar li jekk irid jimxi fil-bogħod aktar ma għandux jitlef ħafna żmien fil-belt tal-Kultura ġenerali, għa xit-triq twila u ż-żmien qasir, ix-xogħol iebes u s-saħħa xi drabi dgħajfa.

Mill-belt tal-Kultura ġenerali joħorġu ħafna toroq li jieħdu fi bliet oħra, kbar u sbieħ : il-belt tat-Teoloġija, il-belt tal-Liġi, il-belt tal-Mediċina, u ħafna bliet oħra. Dan hu t-Tagħlim ġenerali tat-Teoloġija, tal-Liġi, tal-Mediċina, Xjenzi u Letteraturi. F'dawn il-bliet wiehed jista' jdum, bħalma aktarx idum kulħadd, ħajtu kollha, iżur dejjem postijiet ġodda u jifli rkejjen moħbija jew inkella jimxi dejjem mill-istess toroq, bla ma jħabbat rasu bil-bini sabiħ tal-belt, bit-taqsim tagħha, bl-istorja tagħha, bis-

siwi tagħha għall-bnedmin kollha tad-dinja. Fi kliem ieħor, xi wħud, wara li jkunu ħadu l-professjoni, jgħixu ħajjithom kollha kuntenti b'dak li jkunu tgħallmu f'żgħożithom, bla ma jitħabtu xejn biex iżiduh jew ma jitilfuhx. Hemm oħrajn li, bla ma joħorġu mill-qasam tagħhom, jibqgħu jaħdmu biex ikattru għerfhom, jidħlu aktar 'il ġewwa fil-għerf, jagħarfu aħjar dak li ma' l-ewwel daqqa ta' għajn ma jidhirx biżżejjed u hekk jimxu dejjem mal-mixja tal-għerf.

Minn kull waħda minn dawn l-ibliet joħorġu ħafna toroq daqs kemm huma l-friegħi tat-tagħlim ta' kull waħda. Mill-belt tat-Teoloġija joħorġu l-friegħi jew it-toroq tad-Dommatika, tal-Morali, ta' l-Iskrittura, tal-Liġi u ta 'l-Istorja tal-Knisja u oħrajn. Mhux it-teoloġi kollha jaqbdu dawn it-toroq, imma l-ispeċjalisti biss, li għalihom mhux biżżejjed li jkunu jafu tajjeb suġġett li hu għal qalbhom, imma jridu jkunu jafuh bil-għeruq u x-xniexel, kollu kemm hu, bl-irqaqat tiegħu kollha.

X'uħud minn dawn l-ispeċjalisti lanqas mhu biżżejjed għalihom li jkunu jafu s-suġġett fil-medda tiegħu kollha, imma jibqgħu mexjin aktar 'il quddiem sa fejn isir il-għerf, fejn il-għorrief jaħdmu u jitħabtu biex jikxfu u jagħarfu dawk il-fatti u dawk il-veritajiet li huma moħbija għall-kotra ta' għorrief oħra. Ħafna jsiru għorrief bil-għerf li sabu għorrief oħra, imma ftit huma l-għorrief li jidħlu għax-xogħol li jfittxu, isibu u jkattru l-għerf tad-dinja. Għax il-għerf jixbah lil art li t-truf tagħha dawramejt għad mhumiex imgħammrin bin-nies, għadu ħadd ma kellu l-ħila jidħol 'il ġewwa minnhom biex jikxef il-ġid li hemm moħbi fihom, ħlief xi ftit qalbiena li issa jinfdu minn hawn u issa jinfdu minn hemm, il-lum daħlu ftit 'il ġewwa u għada daħlu aktar, u dejjem iwessgħu l-medda ta' dik l-art u jkattru l-ġid tagħha.

Imma ftit huma dawk li jidħlu għal dax-xogħol ta' tiftix u kxif ta' għerf ġdid. Il-biċċa l-kbira jew ma jafux bih dax-xogħol għax qatt ma semgħu bih, jew jaqtgħu qalbhom għax it-triq twila, ix-xogħol iebes u l-ħlas żgħir. Fuq kollox jinħtieġ taħriġ tajjeb minn imgħallem li jaf it-triq għax imdorri fiha, li jaf ix-xogħol għax imkisser fih. Mhux xogħol ta' dilettanti. Mhux tlablib fieragħ. Tisma' 'l xi ħadd jitkellem fuq Pariġi, jidhirlu li jafha rokna rokna għax sema' min jitkellem fuqha jew ra xi kartolini jew għax darba għadda jumejn jew tlieta fiha. Dan xogħol tat-tfal. Mhux biżżejjed li tkun taf bil-ħidma ta' tiftix il-għerf u

anqas mhu biżżejjed li darba f'ħajtek tkun qbadt f'idejk il-għodda; ix-xogħol u ż-żmien biss jagħmluk imgħallem.

Liema triq jaqbdu l-għorrief Maltin? Inħambqu ħafna fuq il-ħtieġa tal-kultura ġenerali, irridu li ż-żgħażagħ tagħna jitħarrġu tajjeb fiha, bħallikieku ħliefha ma hemmx x'wieħed jitgħallem. Jidhrilna li wieħed li ma jkunx imkisser tajjeb fit-tagħlim ta' l-ilsna u tal-letteraturi ma għandux jibqa' miexi aktar 'il quddiem fit-triq tal-għerf, u għalhekk jiġri li dawk li jogħġbuhom l-ilsna u l-letteraturi aktarx jieqfu fl-ewwel belt u oħrajn li aktar ikunu miġbudin lejn tagħlim ieħor ikunu mfixklin u miżmumin forsi għal dejjem fit-triq tat-tagħlim li jkun aktar għal qalbhom. Min jaf kemm żgħażagħ, miġbudin għax-xjenzi jew tagħlim ieħor għoli ntilfu għal kollox minħabba xi nuqqas fil-letteraturi. Sbieħ l-ilsna u l-letteraturi, sabiħa u meħtieġa l-kultura ġenerali, imma wisq isbaħ il-proporzjon fit-taqsim tat-tagħlim. U aħna, li ma narawx ħlief is-suġġett tagħna, il-proporzjon ma narawhiex. X'jiswa bħala professjonista tabib jew avukat li jkun jaf jikteb poeżiji sbieħ u ma jkunx jinqala' biżżejjed fil-professjoni tiegħu? Ikun jixbah lil raġel b'ras kbira u ġisem żgħir, jew b'ras żgħira u ġisem kbir li flimkien jagħmlu raġel ikrah.

Fost dawk li jaslu sal-bliet tat-Teoloġija, tal-Liġi jew tal-Mediċina l-kotra l-kbira jieqfu hemm u hemm igħaddu ħajjithom kollha. Iżda x'uħud iridu jitgħallmu dejjem il-ġdid u jibqgħu jimxu dejjem 'il quddiem mal-għerf. Għandna wkoll xi ftit li jaqbdu t-triq ta' l-ispeċjalizzazzjoni, imma dawk li jagħmlu t-tiftix u t-taktir tal-għerf il-ħidma ta' ħajjithom kollha, kemm għandna minnhom?

Din hi t-triq tal-għerf kif naraha jien. Kif imxejt fiha? Kif mexxejt u ridt immexxi l-oħrajn fiha? Biex inwieġeb sewwa, jaħtieġ nitkellem fuqi nnifsi u nikxef il-qalba ta' qalbi, mhux biex niftaħar — il-ftaħir inħallih lil ħaddieħor — imma biex il-ħidma tiegħi tidher kollha kif inhi, bid-dija u d-dell tagħha, kif tfasslet f'moħħi u nħadmet minn idi, biex kliemi jiswa forsi biex ikebbes xrara f'qalb xi ħadd miż-żgħażagħ. Il-bqija għal darb'oħra.